KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fil-25 ta’ Lulju 2018 [1]

**Kawża C-310/17**

**Levola Hengelo BV**
**vs**
**Smilde Foods BV**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechtshof Arnhem-Leeuwarden (il-Qorti tal-Appell ta’ Arnhem-Leeuwarden, il-Pajjiżi l-Baxxi))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2001/29/KE – Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati – Kunċett ta’ ‘xogħol’ – Togħma ta’ prodott tal-ikel”

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tat-23 ta’ Mejju 2017, ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta’ Mejju 2017 mill-Gerechtshof Arnhem-Leeuwarden (il-Qorti tal-Appell ta’ Arnhem-Leeuwarden, il-Pajjiżi l-Baxxi), tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2 sa 5 tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta’ ċerti aspetti ta’ drittijiet ta’ l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta’ l-informazzjoni [2].

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ tilwima bejn il-kumpannija Levola Hengelo BV, (iktar ’il quddiem “Levola”) u l-kumpannija Smilde Foods BV (iktar ’il quddiem “Smilde”), żewġ impriżi li jipproduċu ikel, fir-rigward tal-allegat ksur minn Smilde tad-drittijiet tal-awtur ta’ Levola fir-rigward tat-togħma ta’ ġobon tad-dlik bil-krema friska u ħwawar fini, imsejjaħ “Heksenkaas” jew “Heks’nkaas” (iktar ’il quddiem il-“Heksenkaas”) [3].

3. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li, sabiex tiġi deċiża t-tilwima quddiemha, huwa neċessarju li tkun taf b’mod partikolari, jekk id-dritt tal-Unjoni, u b’mod iktar partikolari d-Direttiva 2001/29, jipprekludix il-protezzjoni, permezz tad-drittijiet tal-awtur, tat-togħma ta’ prodott tal-ikel.

1 Langwa oriġinali: il-Franċiż.

2 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol 1, p. 230.

3 Bil-Malti “ġobon tas-sħaħar”.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt internazzjonali*

*1. Il-Konvenzjoni ta' Berna*

4. L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Bern għall-Protezzjoni tax-Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi, iffirmata f'Bern fid-9 ta' Settembru 1886 (Att ta' Pariġi tal-24 ta' Lulju 1971), fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mill-emenda tat-28 ta' Settembru 1979 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Bern"), jistipula:

"1. It-termini 'xogħlijiet letterarji u artisitiċi' jkopru kull produzzjoni fil-qasam letterarju, xjentifiku u artistiku, indipendentement mill-mod jew mill-forma ta' espressjoni, bħal: kotba, fuljetti u kitbiet oħra; konferenzi, indirizzi, priedki jew xogħlijiet oħra tal-istess natura; xogħlijiet drammatiċi jew drammatiċi-mużikali; xogħlijiet ta' korjografija u pantomimi; kompożizzjonijiet mużikali bi kliem jew mingħajr kliem; xogħlijiet ċinematografiċi, li magħhom huma inklużi x-xogħlijiet espressi permezz ta' proċessi analogi għaċ-ċinematografija; xogħlijiet ta' disinn, ta' pittura, ta' arkitettura, ta' skultura, ta' tinqix, ta' litografija; xogħlijiet fotografiċi, li magħhom huma inklużi x-xogħlijiet espressi permezz ta' proċessi analogi għall-fotografija; xogħlijiet tal-arti applikata; illustrazzjonijiet, mapep ġeografiċi; pjanti, skeċċjar jew xogħlijiet ta' mudelli tal-plastik relatati mal-ġeografija, mat-topografija, mal-arkitettura jew max-xjenzi.

2. Madankollu, il-fakultà li jippreskrivu li x-xogħlijiet letterarji u artistiċi jew kategorija waħda jew diversi kategoriji minnhom ma humiex protetti jekk ma jkunux ġew iffissati f'forma materjali, hija rriżervata għal-leġiżlazzjonijiet tal-pajjiżi tal-Unjoni.

[…]

5. Il-ġabriet ta' xogħlijiet letterarji jew artistiċi bħal enċiklopediji u antoloġiji li, minħabba l-għażla jew l-arranġament tal-kontenut tagħhom, jikkostitwixxu kreazzjonijiet intellettwali huma protetti bħala tali, bla ħsara għad-drittijiet tal-awtur fuq kull wieħed mix-xogħlijiet li jagħmlu parti minn dawn il-ġabriet.

6. Ix-xogħlijiet imsemmija iktar 'il fuq igawdu mill-protezzjoni fil-pajjiżi kollha tal-Unjoni. Din il-protezzjoni hija eżerċitata favur l-awtur u l-aventi kawża tiegħu.

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5. Skont l-Artikolu 9(1) tal-Konvenzjoni ta' Bern:

"L-awturi ta' xogħlijiet letterarji u artistiċi protetti minn din il-[k]onvenzjoni jgawdu mid-dritt esklużiv li jawtorizzaw ir-riproduzzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet, bi kwalunkwe mod jew taħt kwalunkwe forma." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

*2. It-Trattat tal-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur*

6. Fl-20 ta' Diċembru 1996, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) adottat f'Genève t-Trattat tal-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur (iktar 'il quddiem it-"Trattat tal-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur"), li daħal fis-seħħ fis-6 ta' Marzu 2002 u li ġie approvat f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni 2000/278/KE [4].

4 Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Marzu 2000 dwar l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tat-Trattat WIPO dwar id-Dritt ta' l-Awtur u tat-Trattat WIPO dwar il-Preżentazzjonijiet u l-Fonogrammi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 33, p. 208).

7. Skont l-Artikolu 1(4) tat-Trattat tal-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur, intitolat "Relazzjoni mal-[k]onvenzjoni ta' Berne":

"Il-Partijiet Kontraenti għandhom iħarsu l-Artikoli 1 sa 21 u l-Appendiċi tal-[k]onvenzjoni ta' Berne".

8. L-Artikolu 2 tat-Trattat tal-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur, intitolat "L-għan tal-protezzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur" jipprovdi:

"Il-protezzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur tkopri l-espressjoni iżda mhux l-ideja, proċeduri, metodi ta' operazzjoni jew kunċetti matematiċi bħala tali".

9. L-Artikolu 4 tat-Trattat tal-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur, intitolat "Programmi għall-kompjuter" jipprovdi:

"Programmi għall-kompjuter huma protetti bħala xogħlijiet letterarji fis-sens ta' l-Artikolu 2 tal-[k]onvenzjoni ta' Berne. Din il-protezzjoni tapplika għall-programmi għall-kompjuter, jkunu xi jkunu l-mod u l-għamla ta' l-espressjoni tagħhom".

10. Skont l-Artikolu 5 tat-Trattat tal-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur intitolat, "Kompilazzjonijiet ta' data (databases)":

"Kumpilazzjonijiet ta' data jew materjal ieħor, f'kull għamla, li minħabba l-għażla jew l-arranġament tal-kontenut tagħhom, ikunu jikkostitwixxu kreazzjonijiet intelletwali, huma protetti bħala tali. Din il-protezzjoni ma tkoprix id-data jew il-materjal innifsu u hija mingħajr preġudizzju għal kull dritt ta' l-awtur li jibqa' jeżisti fil-kontenut innfisu tal-kumpilazzjoni".

*3. Il-Ftehimiet WTO u TRIPS*

11. Il-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ (TRIPs) tal-15 ta' April 1994 (ĠU 1994, l 336, p. 214, iktar 'il quddiem il-"Ftehim TRIPs"), li jikkostitwixxi l-Anness 1 C tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) (ĠU 1994, L 336, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Ftehim WTO"), ġie approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoin f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) [5].

12. L-Artikolu 9 tal-Ftehim TRIPs intitolat "Relazzjoni mal-Konvenzjoni ta' Berne" jistabbilixxi:

"1. Il-Membri [tal-WTO] għandhom iħarsu lejn l-Artikoli 1 sa 21 tal-Konvenzjoni ta' Berne (1971) u l-Appendiċi tagħha […].

2. Il-protezzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur għandhom jestendu għall-espressjonijiet u mhux għall-ideat, metodi ta' ħidma jew konċetti matematiċi per se".

13. L-Artikolu 10 tal-Ftehim TRIPs, intitolat "Programmi tal-Kompjuter u l-Kompilazzjoni ta' Data" jipprovdi:

"1. Programmi tal-kompjuter, jekk huma fil-kodiċi tas-sors jew ta' l-oġġett, għandhom ikunu protetti bħal li kieku kienu xogħlijiet letterarji taħt il-Konvenzjoni ta' Berne (1971).

5 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80.

2. Il-kompilazzjoni ta’ data jew materjal ieħor, jekk jista’ jinqara minn magna jew xi forma oħra, li permezz ta’ l-għażla jew arranġament tal-kontenut tagħhom jistgħu jkunu kreazzjonijiet intelletwali għandhom ikunu protetti bħal li kieku kienu dawk stess. Protezzjoni bħal din, li ma tistax tkopri d-data jew il-materjal stess, għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe drittijiet ta’ l-awtur li jkunu dwar data jew materjal stess”.

### *B. Id-dritt tal-Unjoni*

14. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/29, intitolat “Dritt ta’ riproduzzjoni” jipprovdi:

“L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b’kull mezz u f’kull forma, kollha jew parti:

a) għall-awturi, tax-xogħolijiet tagħhom;

[…]”

15. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/29, intitolat “Id-dritt ta’ komunikazzjoni lill-pubbliku ta’ xogħolijiet u d-dritt li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku suġġett ieħor” jipprovdi:

“1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awturi bid-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħolijiet tagħhom, bil-fili jew mezzi mingħajr fili, inklużi li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku x-xogħolijiet tagħhom b’mod li membri tal-pubbliku jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f’ħin magħżul individwalment minnhom.

[…]”

16. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/29, intitolat “Dritt ta’ Distribuzzjoni” jipprovdi:

“1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awturi, rigward l-oriġinal tax-xogħolijiet tagħhom jew tal-kopji tagħhom, id-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull forma ta’ distribuzzjoni lill-pubbliku b’bejgħ jew mod ieħor.

[…]”

### *C. Id-dritt nazzjonali*

17. L-Artikolu 1 tal-Auteurswet (il-Liġi tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar id-drittijiet tal-awtur, iktar ’il quddiem il-“Liġi dwar id-drittijiet tal-awtur”) jipprovdi:

“Id-dritt tal-awtur huwa d-dritt esklużiv tal-awtur ta’ xogħol letterarju, xjentifiku jew artistiku, jew tal-aventi kawża tiegħu, li jirrendih pubbliku u li jirriproduċih, bla ħsara għar-restrizzjonijiet previsti mil-liġi.”

18. L-Artikolu 10 tal-Liġi dwar id-drittijiet tal-awtur huwa fformulat kif ġej:

“1. Għall-finijiet ta’ din il-liġi, xogħol letterarju, xjentifiku jew artistiku jfisser:

1) il-kotba, fuljetti, ġurnali, perjodiċi jew kull materjal miktub ieħor;

2) ix-xogħlijiet drammatiċi jew drammtiċi-mużikali;

3) il-konferenzi u l-indirizzi;

4) ix-xogħlijiet korjografiċi u l-pantomimi;

5) il-kompożizzjonijiet mużikali bil-kliem jew mingħajr kliem;

6) ix-xogħlijiet ta' disinni, pittura, arkitettura, skultura, litografija, tinqix u kollezzjonijiet oħra;

7) il-mapep ġeografiċi;

8) il-pjanti, l-iskeċċjar u xogħlijiet tal-plastik marbuta mal-arkitettura, mal-ġeografija, mat-tipografija jew max-xjenzi l-oħra;

9) ix-xogħlijiet fotografiċi;

10) ix-xogħlijiet ċinematografiċi;

11) ix-xogħlijiet tal-artijiet applikati u d-disinni u mudelli industrijali;

12) il-programmi tal-kompjuter u l-materjal preparatorju;

u b'mod ġenerali l-produzzjonijiet kollha fil-qasam letterarju, xjentifiku jew artistiku, irrispettivament mill-mod jew mill-forma ta' espressjoni.

[…]"

## II. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

19. Il-Heksenkaas huwa ġobon tad-dlik bil-krema friska u bil-ħwawar fini. Huwa nħoloq minn negozjant Olandiż tal-ħaxix u tal-prodotti friski fl-2007. Permezz ta' kuntratt konkluż fis-sena 2011 u b'korrispettiv għal remunerazzjoni marbuta mad-dħul mill-bejgħ tiegħu, l-oriġinatur tiegħu ċeda lil Levola d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali fuq dan il-prodott.

20. Fl-10 ta' Lulju 2012 ingħatat privattiva għall-metodu ta' produzzjoni tal-Heksenkaas u t-trade mark verbali "Heksenkaas" ġiet ippreżentata f'nofs is-sena 2010.

21. Sa mix-xahar ta' Jannar 2014, Smilde timmanifattura prodott imsejjaħ "Witte Wievenkaas" għal katina ta' supermarkets fil-Pajjiżi l-Baxxi.

22. Billi kkunsidrat li l-produzzjoni u l-bejgħ ta' Witte Wievenkaas kienu jippreġudikaw id-drittijiet tal-awtur tagħha fuq it-"togħma" tal-Heksenkaas, Levola ressqet lil Smilde quddiem ir-rechtbank Gelderland (il-Qorti Distrettwali ta' Gelderland, il-Pajjiżi l-Baxxi). Levola ddefinixxiet id-drittijiet tal-awtur fuq togħma bħala l-"impressjoni ġenerali kkawżata mill-konsum ta' prodott tal-ikel fuq l-organi sensorjali tat-togħma, inkluża s-sensazzjoni fil-ħalq ipperċepita mis-sens ta' mess".

23. Levola talbet lir-rechtbank Gelderland (il-Qorti Distrettwali ta' Gelderland) tiddeċiedi, minn naħa, li t-togħma tal-Heksenkaas tikkostitwixxi kreazzjoni intellettwali tal-manifattur tagħha u għalhekk tibbenefika mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur bħala "xogħol", fis-sens tal-Artikolu 1 tal-Liġi dwar id-drittijiet tal-awtur, u min-naħa l-oħra, li t-togħma tal-prodott immanifatturat minn Smilde tikkostitwixxi riproduzzjoni ta' dan ix-"xogħol". Hija talbet ukoll li l-istess qorti tordna lil Smilde twaqqaf u tipprojbixxi kull preġudizzju għad-drittijiet tal-awtur tagħha, inkluż il-produzzjoni, ix-xiri, il-bejgħ u kull kummerċjalizzazzjoni oħra tal-prodott imsejjaħ "Witte Wievenkaas".

24. Permezz ta' sentenza tal-10 ta' Ġunju 2015, ir-rechtbank Gelderland (il-Qorti Distrettwali ta' Gelderland) ikkunsidrat li, mingħajr ma huwa neċessarju li tingħata deċiżjoni dwar jekk it-togħma tal-Heksenkaas setgħetx tingħata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, l-allegazzjonijiet ta' Levola, għandhom, fi kwalunkwe każ, jiġu miċħuda peress li din tal-aħħar ma indikatx liema elementi jew kombinazzjoni ta' elementi tat-togħma tal-Heksenkaas jagħtuh karattru proprju oriġinali u timbru personali.

25. Levola appellat minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju.

26. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-kwistjoni ċentrali mqajma fil-kawża hija dik dwar jekk it-togħma ta' prodott tal-ikel tistax tiġi protetta mid-drittijiet tal-awtur. Hija żżid li l-partijiet fil-kawża quddiemha jiddefendu pożizzjonijiet dijametrikament opposti dwar din il-kwistjoni.

27. Skont Levola, it-togħma ta' prodott tal-ikel tista' tiġi kklassifikata bħala xogħol letterarju, xjentifiku jew artistiku protett mid-drittijiet tal-awtur. Levola tibbaża ruħha, b'mod partikolari, fuq is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2006 tal-Hoge Raad des Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi), Lancôme (ECLI:NL:HR:2006:AU8940) li fiha din l-aħħar qorti aċċettat, fil-prinċipju, il-possibbiltà li jingħataw drittijiet tal-awtur fuq ir-riħa ta' fwieħa.

28. Min-naħa l-oħra, skont Smilde, il-protezzjoni tat-togħmiet ma hijiex konformi mas-sistema tad-drittijiet tal-awtur li tkopri biss il-kreazzjonijiet viżivi u tas-smigħ. Barra minn hekk, l-instabbilità ta' prodott tal-ikel u n-natura suġġettiva tal-perċezzjoni tat-togħma jostakolaw il-klassifikazzjoni ta' togħma ta' prodott tal-ikel bħala xogħol protett mid-drittijiet tal-awtur. Minbarra dan, id-drittijiet esklużivi tal-awtur ta' xogħol ta' proprjetà intellettwali u r-restrizzjonijiet tagħhom huma prattikament inapplikabbli għat-togħmiet.

29. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-Qorti tal-Kassazzjoni (Franza) ċaħdet kategorikament il-possibbiltà ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur ta' riħa, b'mod partikolari fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Diċembru 2013 [6]. Il-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali supremi fi ħdan l-Unjoni hija għalhekk diverġenti fir-rigward tal-kwistjoni, simili għal dik fil-qalba tal-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju, tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur ta' riħa.

30. Huwa għalhekk li l-Gerechtshof Arnhem-Leeuwarden (il-Qorti tal-Appell ta' Arnhem-Leeuwarden) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1. (a) Id-dritt tal-Unjoni Ewropea jipprekludi t-togħma ta' prodott tal-ikel, inkwantu kreazzjoni intellettwali proprja tal-awtur tiegħu, milli tkun protetta mid-drittijiet tal-awtur? B'mod partikolari:

(b) Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur hija preklużha mill-fatt li l-espressjoni 'xogħlijiet litterarji u artistiċi' fl-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni ta' Berna, li hija vinkolanti fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, tinkludi 'kull produzzjoni fil-qasam litterarju, xjentifiku u artistiku, ikun xi jkun il-mod jew il-forma tal-espressjoni tagħha', iżda fejn l-eżempji ċċitati f'din id-dispożizzjoni jirreferu biss għal kreazzjonijiet li jistgħu jiġu pperċepiti mill-ħars u/jew mis-smigħ?

(c) L-instabbiltà (possibbli) ta' prodott tal-ikel u/jew in-natura suġġettiva ta' esperjenza ta' togħma tipprekludi l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur ta' togħma ta' prodott tal-ikel?

6 Il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Kummerċjali, 10 ta' Diċembru 2013, Nru 11-19.872, mhux ippubblikata fil-Bulettin (ECLI:FR:CCASS:2013:CO01205).

(d) Is-sistema ta' drittijiet esklużivi u ta' restrizzjonijiet, kif irregolata mill-Artikoli 2 sa 5 tad-Direttiva 2001/29, tipprekludi l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur ta' togħma ta' prodott tal-ikel?

2. Jekk ir-risposta għad-domanda 1(a) tkun fin-negattiv:

(a) X'inhuma r-rekwiżiti għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur ta' togħma ta' prodott tal-ikel?

(b) Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur ta' togħma hija bbażata unikament fuq it-togħma fiha nfisha jew (ukoll) fuq ir-riċetta tal-prodott tal-ikel?

(c) Fi proċedimenti (ta' ksur), xi provi għandha tipproduċi l-parti li ssostni li tkun ħolqot togħma protetta mid-drittijiet tal-awtur? Huwa suffiċjenti għal din il-parti, li tippreżenta l-prodott tal-ikel inkwistjoni fl-imsemmija proċedimenti lill-qorti sabiex din il-qorti, billi dduq u xxomm, tkun tista' tifforma l-opinjoni tagħha dwar jekk it-togħma ta' prodott tal-ikel tissoddisfax ir-rekwiżiti għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur? Jew inkella r-rikorrent għandu (wkoll) jipprovdi deskrizzjoni tal-għażliet kreattivi involuti fil-kompożizzjoni tat-togħma u/jew tar-riċetta li abbażi tagħhom it-togħma tista' tiġi kkunsidrata li hija l-kreazzjoni intellettwali tal-awtur?

(d) Fi proċedimenti ta' ksur il-qorti kif għandha tiddetermina jekk it-togħma tal-prodott tal-ikel tal-konvenut tikkorrispondix sa tali punt mat-togħma tal-prodott tal-ikel tar-rikorrent li tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-awtur? Il-fattur deċiżiv hawnhekk huwa (ukoll) dak li l-impressjoni ġenerali taż-żewġ togħmiet hija l-istess?".

## III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

31. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Levola, Smilde, il-Gvern Franċiż, il-Gvern Taljan u mill-Gvern tar-Renju Unit kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Levola, Smilde, il-Gvern Olandiż, il-Gvern Franċiż u l-Gvern tar-Renju Unit kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet orali matul is-seduta tal-4 ta' Ġunju 2018.

## IV. Analiżi

32. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk it-togħma ta' prodott tal-ikel tikkostitwixxix "xogħol" u tistax tkun protetta mid-drittijiet tal-awtur permezz tad-Direttiva 2001/29[7].

### *A. Fuq l-ammissibbiltà*

33. Smilde ssostni li din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli. Hija tqis li, barra l-fatt li Levola ma ssodisfatx l-obbligu tagħha ta' allegazzjoni u ta' prova fil-kawża prinċipali, din il-kawża tista' diġà tingħalaq abbażi tal-fatt li t-togħma tal-prodott Heksenkaas ma hijiex oriġinali.

7 Skont Levola "[i]l-kwistjoni fit-tilwima [...] bejn Levola u Smilde hija l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur tat-togħma tal-Heksenkaas *inkwantu tali*. Din tirrigwarda l-impressjoni sensorjali li minnha tagħha tgħaddi l-esperjenza ta' din it-togħma *inkwantu tali*, u mhux il-mezzi li permezz tagħhom tinħoloq din l-impressjoni. Għalhekk mhux qed tintalab il-protezzjoni ta' sustanza konkreta jew ta' lista ta' ingredjenti. Ix-xogħol li għalih qed tintalab il-protezzjoni hija t-togħma nnifisha, u mhux il-medium tagħha" (punt 9 tal-osservazzjonijiet tagħha). Levola żżid li "ma huwiex eskluż li t-togħma tista' tiġi rriprodotta permezz ta' medium ieħor bl-istess mod li l-immaġini maħluqa mill-artist bil-pittura biż-żejt tista' tiġi imitata u rriprodotta fuq medium ieħor. Fil-fatt, xogħol protett mid-drittijiet tal-awtur huwa kkostitwit mill-impressjoni immaterjali u mhux mill-medium fiżiku li fuqu ssir din l-espressjoni" (punt 86 tal-osservazzjonijiet tagħha).

34. Fl-opinjoni tiegħi, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma minn Smilde ma tistax tintlaqa' għar-raġunijiet segwenti.

35. Huma biss il-qrati nazzjonali li quddiemhom tressqet it-tilwima u li huma responsabbli għad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tittieħed, li għandhom jevalwaw, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari biex ikunu f'pożizzjoni li jagħtu d-deċiżjoni tagħhom, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li huma jressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, meta d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala regola, obbligata tagħti deċiżjoni. Minn dan isegwi li d-domandi li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Iċ-ċaħda mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' domanda magħmula minn qorti nazzjonali hija possibbli biss jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandhiex x'taqsam mal-fatti jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew ukoll meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jsirulha [8].

36. Għandu jiġi enfasizzat li din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod iktar partikolari, l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2 sa 5 tad-Direttiva 2001/29. Fl-assenza ta' kwalunkwe indizju, jew anki allegazzjoni, li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha xejn x'taqsam mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali jew li l-problema hija ta' natura ipotetika, jiena nikkunsidra li d-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinvju rigward l-interpretazzjoni ta' din id-direttiva u l-kunċett ta' "xogħol", ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala inammissibbli għas-sempliċi fatt li waħda mill-partijiet fil-kawża prinċipali tikkunsidra li l-kawża prinċipali għandha tiġi riżolta abbażi ta motivi u argumenti oħra.

## *B. Fuq il-mertu*

### *1. Il-kunċett ta' "xogħol" – kunċett "uniformi u awtonomu tad-dritt tal-Unjoni"*

37. Il-kunċett ta' "xogħol" fis-sens tal-Artikolu 2(a), tal-Artikolu 3(1) u tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29 ma huwiex iddefinit minn din id-direttiva [9]. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet ma jinkludu ebda riferiment għad-dritt nazzjonali għal dak li jirrigwarda l-kunċett ta' "xogħol" [10].

8 Ara s-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Sbarigia (C-393/08, EU:C:2010:388, punti 19 u 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

9 Barra minn hekk, il-protezzjoni permezz tad-drittijiet tal-awtur, ta' togħma ta' prodott tal-ikel ma hijiex irregolata b'mod speċifiku mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

10 Skont Levola, "[j]ekk id-dritt tal-Unjoni jirrikonoxxi kunċett uniformi u awtonomu ta' xogħol li ma jħallix lill-Istati Membri l-libertà li jistabbilixxu fuq il-livell nazzjonali kundizzjonijiet addizzjonali sabiex jagħtu protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur […], id-dritt tal-Unjoni għandu jsolvi wkoll il-kwistjoni dwar jekk l-Istati Membri għandhomx jagħtu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur lil kreazzjonijiet oriġinali li huma pperċepiti b'modi oħra għajr bil-ħars jew bis-smigħ, bħal togħma jew riħa jew jekk dawn ma *jistgħu* lanqas jagħtu protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur lil dawn il-kreazzjonijiet ta' togħma jew riħa, anki jekk din it-togħma jew din ir-riħa tirriżulta minn xogħol intellettwali kreattiv li permezz tiegħu l-awtur ta' espressjoni lill-kreattività personali tiegħu" (punt 41 tal-osservazzjonijiet tagħha). "Madankollu, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja riedet tistabbilixxi biss minimu kwalitattiv għall-finijiet tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur fil-forma ta' rekwiżit ta' 'kreazzjoni intellettwali proprja' – kif, pereżempju, taċċetta l-ġurisprudenza Ġermaniża – huwa għalhekk evidenti li l-Istati Membri huma liberi li jagħtu jew ma jagħtux il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur lil xogħol li jikkonsisti fit-togħma ta' kreazzjoni tal-ikel, jekk din it-togħma tista' tal-inqas tiġi kklassifikata bħala kreazzjoni intellettwali proprja tal-awtur tagħha. Fil-fatt, il-livell kwalitattiv minimu stabbilit ta' 'kreazzjoni intellettwali proprja' ma jeskludi neċessarjament l-ebda sens uman, b'tali mod li d-determinazzjoni tar-rilevanza tal-mod sensorjali li bih tiġi pperċepita kreazzjoni intellettwali proprja taqa' fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri" (punt 42 tal-osservazzjonijiet tagħha).

38. F'tali ċirkustanza, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mir-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma tinkludi l-ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati s-sens u l-portata tagħha għandhom normalment, fl-Unjoni Ewropea kollha, jiġu interpretati b'mod awtonomu u uniformi fejn din l-interpretazzjoni tkun waħda studjata fid-dawl tal-kuntest tad-dispożizzjoni u tal-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni [11].

39. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-kunċett ta' "xogħol" għandu jiġi kkunsidrat bħala kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, li s-sens u l-portata tiegħu għandhom ikunu identiċi fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tagħti lil dan it-terminu interpretazzjoni uniformi fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [12].

40. Minn dan isegwi li l-kunċett ta' "xogħol", inkwantu kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, ma jippermettix li l-Istati Membri jipprevedu, f'dan ir-rigward, regoli differenti jew addizzjonali. Għaldaqstant, id-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, barra mill-qafas previst mid-Direttiva 2001/29 [13], tipprevedi l-possibbiltà li tingħata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur lit-togħmiet ta' prodotti tal-ikel [14].

*2. Il-kunċett ta' "xogħol" u r-rekwiżit ta' kreazzjoni intellettwali*

41. Il-Gvern Franċiż iqis li, sabiex jiġi ddeterminat jekk togħma tal-ikel tistax tibbenefika mill-protezzjoni mogħtija mid-drittijiet tal-awtur permezz tad-Direttiva 2001/29, għandu jiġi ddeterminat jekk hija tistax tkun ikkunsidrata bħala xogħol, jiġifieri oġġett li huwa oriġinali fis-sens li huwa kreazzjoni intellettwali proprja tal-awtur tiegħu.

42. Fil-punt 34 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International (C-5/08, EU:C:2009:465), il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li "mill-istruttura ġenerali tal-Konvenzjoni ta' Berna, b'mod partikolari mill-paragrafi 5 u 8 tal-Artikolu 2 tagħha, jirriżulta li l-protezzjoni ta' ċerti oġġetti bħala xogħlijiet letterarji jew artistiċi tippreżupponi li dawn jikkostitwixxu kreazzjonijiet intellettwali" [15]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-drittijiet tal-awtur, fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/29, jistgħu japplikaw biss fir-rigward ta' oġġett li huwa oriġinali fis-sens li huwa kreazzjoni intellettwali tal-awtur tiegħu [16].

43. Fil-punt 88 tas-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2011, Painer (C-145/10, EU:C:2011:798), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kreazzjoni intellettwali hija tal-awtur innifsu jekk tkun tirrifletti l-personalità tiegħu. Skont il-punt 39 tas-sentenza tal-1 ta' Marzu 2012, Football Dataco *et* (C-604/10, EU:C:2012:115) il-kriterju ta' oriġinalità ma huwiex issodisfatt meta l-ħolqien ta' database huwa impost minn kunsiderazzjonijiet tekniċi, regolatorji jew minn restrizzjonijiet li ma jħallux post għal libertà kreattiva. Barra minn hekk, fil-punt 42 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li l-ħolqien ta' database kien jeħtieġ, indipendentement mill-ħolqien tad-data li hija tinkludi, xogħol u sengħa sinjifikattiva tal-awtur tagħha ma jistax, bħala tali, fil-każ li dan ix-xogħol u din is-sengħa ma jkunu jesprimu l-ebda oriġinalità fl-għażla jew fl-arranġament tal-imsemmija data, jiġġustifika l-protezzjoni tagħha permezz tad-drittijiet tal-awtur.

11 Ara s-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2011, Omejc (C-536/09, EU:C:2011:398, punt 19). Ara, ukoll, is-sentenza Padawan (C-467/08, EU:C:2010:620, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

12 Ara f'dan is-sens, is-sentenza Padawan (C-467/08, EU:C:2010:620, punt 33).

13 Jew permezz ta' dispożizzjoni oħra tad-dritt tal-Unjoni li tista' eventwalment tiġi adottata jekk din tkun id-deċiżjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni.

14 Ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International (C-5/08, EU:C:2009:465, punti 27 sa 29), u tal-21 ta' Ottubru 2010, Padawan (C-467/08, EU:C:2010:620, punti 29 sa 37).

15 Fis-sentenza tagħha Feist Publications, Inc. vs Rural Telephone Service Co., Inc. 499 U.S. 340, il-Qorti Suprema tal-Istati Uniti ddeċidiet li s-*sine qua non* tad-drittijiet tal-awtur hija l-oriġinalità.

16 Punt 37 tas-sentenza Infopaq International. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "xogħlijiet bħal programmi tal-kompjuter, databases u fotografiji huma biss protetti bid-drittijiet tal-awtur jekk ikunu oriġinali fis-sens li huma *kreazzjoni intellettwali tal-awtur stess*", (punt 35 tal-imsemmija sentenza u enfasi miżjud minni).

44. Madankollu nikkunsidra li minkejja li l-fatt li oġġett ikun oriġinali huwa kundizzjoni neċessarja sabiex jibbenefika mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, ma jidhirlix li huwa suffiċjenti. Minbarra r-rekwiżit li l-oġġett inkwistjoni jkun oriġinali, huwa għandu jkun "xogħol".

45. Fil-punt 33 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International (C-5/08, EU:C:2009:465) il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[l]-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/29 jipprovdi li l-awturi għandhom id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu r-riproduzzjoni sħiħa jew parzjali tax-xogħlijiet tagħhom. Minn dan jirriżulta li l-protezzjoni tad-dritt li tiġi awtorizzata jew ipprojbita r-riproduzzjoni li jgawdi awtur għandha bħala suġġett 'xogħol'"[17].

46. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta b'mod ċar li l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/29 jeżiġi minn naħa, l-eżistenza ta' "xogħol"[18] u min-naħa l-oħra, li dan ix-xogħol ikun oriġinali. Huwa importanti li dawn iż-żewġ kunċetti li huma distinti ma jiġux magħquda jew amalgamati.

47. Għalhekk nikkunsidra, bħall-Kummissjoni, li l-fatt li "xogħol jista' jkun protett mid-drittijiet tal-awtur taħt l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/29 biss jekk jissodisfa dan il-kriterju ta' oriġinalità ma jistax madankollu jiġi interpretat fis-sens li b'mod invers dan jimplika li kull oġġett li jissodisfa dan il-kriterju għandu 'awtomatikament' jiġi kkunsidrat, minħabba f'hekk, bħala 'xogħol' protett mid-drittijiet tal-awtur fis-sens tal-imsemmija direttiva"[19].

*3. Togħma tikkostitwixxi xogħol?*

48. Peress li d-Direttiva 2001/29 ma tiddefinixxix il-kunċett ta' xogħol, nikkunsidra li huwa opportun li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Bern. Fil-fatt, minkejja l-fatt li l-Unjoni ma hijiex parti kontraenti tal-Konvenzjoni ta' Bern, hija "għandha madankollu l-obbligu, skont l-Artikolu 1(4) tat-Trattat tal-WIPO dwar id-drittijiet tal-awtur, li għalih hija parti, li jagħmel parti mill-ordinament ġuridiku tagħha u li d-Direttiva 2001/29 għandha l-għan li timplementa, li tikkonforma ruħha mal-Artikoli 1 sa 21 tal-Konvenzjoni ta' Berna"[20].

49. Konsegwentement, l-Unjoni għandha tikkonforma ruħha, b'mod partikolari, mal-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni ta' Bern li jiddetermina dak li huwa kopert b'xogħlijiet "letterarji u artistiċi" li jistgħu jkunu protetti mid-drittijiet tal-awtur. Skont din id-dispożizzjoni, it-termini "xogħlijiet letterarji u artistiċi", "jkopru kull produzzjoni fil-qasam letterarju, xjentifiku u artistiku, indipendentement mill-mod jew mill-forma ta' espressjoni". Barra minn hekk, l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni ta' Bern jinkludi *lista mhux eżawrjenti*[21] tax-xogħlijiet "letterarji u artistiċi" li huma protetti[22].

17 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/29 dwar id-"dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħolijiet u d-dritt li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku suġġett ieħor" u l-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva dwar id-"[d]ritt ta' [d]istribuzzjoni" wkoll jagħmlu riferiment għal "xogħol".

18 Skont il-Gvern tar-Renju Unit, ikun għal kollox żbaljat li s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Infopaq International (C-5/08, EU:C:2009:465) tiġi interpretata "bħala li tfisser li kull tip ta' xogħol, ikun x'ikun, għandu jkun protett mid-drittijiet tal-awtur, ladarba jirrigwarda kreazzjoni intellettwali ta' awtur. Ir-raġunament fil-punt 37 għandu jkun moqri fid-dawl tal-punti 34 sa 36 li fihom huwa ddikjarat b'mod ċar li s-sistema li d-Direttiva 2001/29 tipproteġi tapplika biss għal ċerti oġġetti kklassifikati bħala xogħlijiet letterarji jew artistiċi skont il-Konvenzjoni ta' Bern jew skont element ieħor tad-dritt tal-Unjoni bħad-Direttiva dwar il-programmi tal-kompjuter" (punt 19 tal-osservazzjonijiet tiegħu).

19 Punt 33 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni. Fis-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2011, Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punti 96 sa 99), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-logħbiet sportivi ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala *kreazzjonijiet intellettwali li jistgħu jiġu kklassifikati bħala xogħlijiet* għaliex sabiex jaqa' taħt din il-klassifikazzjoni, l-oġġett inkwistjoni għandu jkun oriġinali fis-sens li *jikkostitwixxi kreazzjoni intellettwali tal-awtur tiegħu stess*. Minkejja li huwa minnu li l-formulazzjoni ta' dawn il-punti tas-sentenza inkwistjoni tagħti l-impressjoni li "xogħol" huwa sinonomu ma' "kreazzjoni intellettwali" u li l-uniku rekwiżit sabiex jiġu sostnuti d-drittijiet tal-awtur huwa l-eżistenza ta' "kreazzjoni intellettwali", nikkunsidra li minn din is-sentenza jirriżulta li l-logħbiet sportivi, b'mod partikolari l-logħob tal-football, ma humiex protetti mid-drittijiet tal-awtur, għaliex isiru fil-kuntest ta' regoli tal-logħob, li ma jħallux libertà kreattiva fis-sens tad-drittijiet tal-awtur. Fil-fatt, il-logħob sportiv inkwantu tali jonqos mill-oriġinalità. Il-kwistjoni dwar jekk logħbiet sportivi jikkostitwixxux "xogħlijiet" (mhux oriġinali) ma ġietx eżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja.

20 Ara s-sentenza tad-9 ta' Frar 2012, Luksan (C-277/10, EU:C:2012:65, punt 59).

21 Fl-opinjoni tiegħi, it-termini "telles que", fil-verżjoni bil-lingwa Franċiża u "such as" fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża, jindikaw in-natura mhux eżawrjenti u għalhekk ta' eżempju tax-xogħlijiet "letterarji u artistiċi" li jistgħu jkunu protetti mid-drittijiet tal-awtur.

22 Ara l-Artikolu 2(6) tal-Konvenzjoni ta' Bern.

50. Din il-lista ma tagħmel l-ebda riferiment għat-togħmiet, u lanqas għal xogħlijiet analogi għat-togħmiet bħall-irwejjeħ/fwejjaħ, iżda lanqas ma teskludihom espressament.

51. Madankollu nirrileva li, minkejja l-fatt li skont l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni ta' Bern, it-termini "xogħlijiet letterarji u artistiċi jkopru kull produzzjoni fil-qasam letterarju, xjentifiku u artistiku, indipendentement mill-mod jew mill-forma ta' espressjoni", din id-dispożizzjoni tagħmel riferiment biss għax-xogħlijiet li huma pperċepiti permezz tal-ħars jew tas-smigħ, bħall-kotba u l-kompożizzjonijiet mużikali, bl-esklużjoni tal-produzzjonijiet li jistgħu jiġu pperċepiti permezz ta' sensi oħra bħat-togħma, ix-xamm jew il-mess.

52. Barra minn hekk, fil-każ ta' dubji persistenti dwar il-protezzjoni ta' ċerti produzzjonijiet mid-drittijiet tal-awtur, il-Komunità internazzjonali spiss intervjeniet sabiex tistabbilixxi b'mod ċar li dawn ix-"xogħlijiet" kienu protetti mid-drittijiet tal-awtur – bil-kundizzjoni li jkunu oriġinali – jew permezz ta' emendi lill-Konvenzjoni ta' Bern, jew permezz ta' ftehim multilaterali oħra [23].

53. Huwa b'dan il-mod li ġie adottat it-Trattat tal-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur, li huwa arranġament partikolari fis-sens tal-Konvenzjoni ta' Bern, b'mod partikolari sabiex jipproteġi x-xogħlijiet fl-ambjent diġitali [24], bħall-programmi tal-kompjuter u l-kompilazzjonijiet tad-data jew elementi oħra (id-databases) [25].

54. It-togħma ta' prodott tal-ikel ma tista' titqabbel mal-ebda "xogħol" protett minn dan it-trattat u, sa fejn naf jien, ebda dispożizzjoni oħra tad-dritt internazzjonali ma tipproteġi, permezz tad-drittijiet tal-awtur, it-togħma ta' prodott tal-ikel [26].

55. Barra minn hekk, b'konformità mal-osservazzjonijiet tal-Gvern Franċiż u tal-Kummissjoni, nikkunsidra li minkejja li l-proċess ta' elaborazzjoni ta' togħma tal-ikel jew ta' fwieħa jeħtieġ xogħol u jaqa' taħt sengħa, dawn ma jikkostitwixxux oġġetti li l-protezzjoni tagħhom tista' tkun żgurata mid-drittijiet tal-awtur, ħlief jekk ikunu oriġinali [27]. Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur tkopri l-*espressjonijiet oriġinali* u mhux l-ideat, il-proċeduri, il-metodi ta' funzjonament jew il-kunċetti

23 Ara f'dan is-sens, p. 25 tal-Gwida għat-Trattati dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati amministrati mill-WIPO, ippubblikata fl-2003 u disponibbli fuq is-sit tal-internet fl-indirizz segwenti: http://www.wipo.int/edocs/pubdocs/fr/copyright/891/wipo_pub_891.pdf.

24 Ara l-premessa 15 tad-Direttiva 2001/29. L-Artikolu 4 tat-Trattat tal-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur jipprovdi espressament li l-programmi tal-kompjuter huma protetti bħala xogħlijiet letterarji fis-sens tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Bern. L-Artikolu 5 ta' dan l-istess trattat jipprevedi li d-databases, indipendentement mill-forma tagħhom, li, permezz tal-għażla jew tal-arranġament tal-kontenut tagħhom, jikkostitwixxu kreazzjonijiet intellettwali, huma protetti wkoll bl-istess mod u bl-istess kwalità. Ara, ukoll, l-Artikolu 10 tat-TRIPs.

25 Id-Direttiva 2001/29 tirrigwarda l-protezzjoni legali tad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati bl-eċċezzjoni, b'mod partikolari, tal-protezzjoni legali tal-programmi tal-kompjuter u tal-protezzjoni legali tad-databases. Fil-fatt, id-Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter (ĠU 2009, L 111, p. 16) tirrigwarda b'mod speċifiku l-protezzjoni legali tal-programmi tal-kompjuter. Mill-ewwel premessa tad-Direttiva tal-Kunsill 91/250/KEE tal-14 ta' Mejju 1991 dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 114), li tħassret u ġiet issostitwita bid-Direttiva 2009/24, jirriżulta li "[b]illi programmi tal-kompjuter mhumiex fil-preżent protetti b'mod ċar fl-Istati Membri kollha bil-leġislazzjoni eżistenti u din il-protezzjoni, fejn teżisti, għandha attributi differenti". F'dan ir-rigward, nirrileva li ċ-ċifrarju oġġett ta' programm tal-kompjuter ma huwiex, fil-prinċipju, perċepibbli minn persuna umana. Madankollu, iċ-ċifrarju oġġett ta' programm tal-kompjuter huwa produzzjoni preċiża u stabbli li tista' "tinqara" jew tkun "ipperċepita" b'mod konkret u oġġettiv minn magna. Barra minn hekk, id-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 459) tirrigwarda b'mod speċifiku l-protezzjoni legali tad-databases. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/9 li jirrigwarda d-drittijiet tal-awtur jipprovdi li "databases li, minħabba l-għażla jew l-arranġament tal-kontenut tagħhom, jikkostitwixxu kreazzjoni intellettwali ta' l-awtur innifsu għandhom ikunu protetti bid-dritt ta' l-awtur. L-ebda kriterji oħra m'għandhom ikunu applikati biex tkun stabbilita l-eliġibilità tagħhom għal dik il-protezzjoni". L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 96/9 jipproteġi permezz ta' dritt *sui generis* id-databases li l-kisba, verifika jew preżentazzjoni tal-kontenut tagħhom turi investiment sostanzjali mil-lat kwalitattiv jew kwantitattiv.

26 Skont Smilde "[l-e]bda leġiżlatur (la dawk li fformolaw il-Konvenzjoni ta' Bern, la dawk li nnegozjaw il-Ftehim TRIPs, la l-awturi tal-Konvenzjonijiet WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur, u ċertament lanqas il-partijiet involuti fil-proċess leġiżlattiv li wassal għad-Direttiva [2001/29]) qatt ma kellu l-intenzjoni li jippermetti l-monopolizzazzjoni, permezz tad-drittijiet tal-awtur, ta' xi ħaġa suġġettiva, li tispiċċa, impreċiża, varjabbli, diffiċli li tinstab u teknikament determinata bħat-togħma" (punt 91 tal-osservazzjonijiet tagħha).

27 Jiġifieri kreazzjonijiet intellettwali. Ara s-sentenza tal-1 ta' Marzu 2012, Football Dataco *et* (C-604/10, EU:C:2012:115, punt 42).

matematiċi, inkwantu tali[28]. Nikkunsidra li, minkejja li l-forma li fiha riċetta tiġi espressa (l-espressjoni) tista' tkun protetta mid-drittijiet tal-awtur jekk din l-espressjoni tkun oriġinali, id-drittijiet tal-awtur ma jipproteġux ir-riċetta innifisha (l-idea). Bl-Ingliż din id-distinzjoni hija msejħa "idea/expression dichotomy".

56. Barra minn hekk, dawn l-espressjonijiet oriġinali għandhom ikunu *identifikabbli bi preċiżjoni u oġġettività suffiċjenti*. Huwa b'dan il-mod li fis-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2002, Sieckman (C-273/00, EU:C:2002:748, punt 55), li tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk sinjal, f'dan il-każ riħa, li fih innifsu ma jistax ikun ippercepit b'mod viżiv, jistax jikkostitwixxi trade mark, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huwa possibbli "bil-kundizzjoni li dan jista' jkun s-suġġett ta' rappreżentazzjoni grafika, b'mod partikolari permezz ta' figuri, linji jew karattri, li tkun ċara, preċiża, kompleta fiha nnifisha, faċilment aċċessibbli, li tinftiehem, durabbli u oġġettiva"[29].

57. Madankollu, jidher li fid-dawl tal-istat attwali tat-teknika, l-identifikazzjoni preċiża u oġġettiva ta' togħma jew ta' riħa hija attwalment impossibbli. F'dan ir-rigward, il-Gvern Taljan jirrileva li "minkejja l-isforzi xjentifiċi magħmula sal-lum sabiex jiġu ddefiniti mingħajr ekwivoku l-proprjetajiet organulettiċi ta' prodotti tal-ikel, fl-istat attwali tal-affarijiet, it-'togħma' hija essenzjalment element kwalitattiv, marbut primarjament man-natura suġġettiva tal-esperjenza tat-togħma. Fil-fatt, il-proprjetajiet organulettiċi tal-ikel huma intiżi sabiex jiġu pperċepiti u evalwati mill-organi sensorjali, prinċipalment mit-togħma u r-riħa iżda wkoll mill-mess, abbażi tal-esperjenza suġġettiva u tal-impressjonijiet mħollija mill-ikel fuq l-imsemmija organi sensorjali. Karatterizzazzjoni oġġettiva ta' dawn l-esperjenzi għadha ma teżistix"[30]. Ma neskludix li t-tekniki futuri għall-identifikazzjoni preċiża u oġġettiva ta' togħma jew ta' riħa jistgħu jiżviluppaw, u dan jista' jwassal lil-leġiżlatur sabiex jintervjeni u jipproteġihom bid-drittijiet tal-awtur jew b'mezzi oħra.

58. Fl-opinjoni tiegħi, il-possibbiltà li l-identifikazzjoni ta' togħma tiġi fdata lil qorti jew lil espert li din tinnomina, kif tissuġġerixxi Levola fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, ma tneħħi xejn mill-fatt li din l-identifikazzjoni[31] tibqa', min-natura tagħha stess, eżerċizzju suġġettiv[32]. Issa, il-possibbiltà li jiġi identifikat, bi preċiżjoni u oġġettività suffiċjenti, xogħol u, konsegwentement, il-portata tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur tiegħu, hija imperattiva sabiex jiġi osservat il-prinċipju ta' ċertezza legali fl-interess tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur, u b'mod iktar partikolari, ta' terzi li jistgħu jkunu esposti għal azzjonijiet ġudizzjarji, b'mod partikolari, azzjonijiet kriminali jew għal ksur tal-proprjetà intellettwali[33], minħabba ksur tad-drittijiet tal-awtur.

28 Ara f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Mejju 2012, SAS Institute (C-406/10, EU:C:2012:259, punt 33). Ara wkoll, l-Artikolu 2 tat-Trattat tal-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur u l-Artikolu 9(2) tal-Ftehim TRIPs.

29 Huwa minnu li l-kundizzjoni li sinjal għandu jkun s-suġġett ta' rappreżentazzjoni grafika ma għadhiex teżisti fid-dritt tal-Unjoni. Madankollu, għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 3(b) tad-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU 2015, L 336, p. 1), li daħlet fis-seħħ fit-12 ta' Jannar 2016, u r-Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2869/95 dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinji) (ĠU 2015, L 341, p. 21), li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Marzu 2016, jeżiġu li s-sinjali jkunu xierqa sabiex jiġu rrappreżentati fir-reġistru b'mod li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jiddetermina b'mod preċiż u ċar l-oġġett li jibbenefika mill-protezzjoni mogħtija lill-proprjetarju tagħhom.

30 Ara l-punt 34 ta' dawn l-osservazzjonijiet.

31 Qed nitkellem hawnhekk dwar l-identifikazzjoni tax-xogħol u mhux dwar l-evalwazzjoni tal-oriġinalità tiegħu li huwa eżerċizzju miftuħ għal opinjonijiet diverġenti u jimplika grad ta' suġġettività. Madankollu, jekk l-identifikazzjoni preċiża u oġġettiva ta' xogħol ma tkunx possibbli, l-evalwazzjoni tal-oriġinalità tiegħu hija wkoll impossibbli.

32 Il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sensazzjonijiet u l-impressjonijiet imħollija minn togħma "huma [...] suġġettivi, mhux konkreti u (għalhekk) mhux riproduċibbli, fi kwalunkwe każ b'ċertezza, oġġettività u b'mod speċifiku suffiċjenti sabiex jippermettu protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur" (punt 41 tal-osservazzjonijiet tagħha).

33 Il-premessa 28 tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32 u rettifika ĠU 2004, L 195, p. 16) tgħid li "[m]al-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji civili u amministrattivi stipulati f'din id-Direttiva, sanzjonijiet kriminali jikkostitwixxu wkoll, f'każijiet xierqa, il-mezzi biex jiġi assigurat l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali".

59. L-argument li l-prodotti tal-ikel huma potenzjalment instabbli ma huwiex fih innifsu konvinċenti. Fil-fatt, għandu jiġi enfasizzat li, barra l-fatt li d-Direttiva 2001/29 ma tipprevedi l-ebda obbligu li jiġi stabbilit xogħol [34], ma huwiex il-medium li fuqu jew fih jinsab ix-xogħol li huwa s-suġġett tad-drittijiet tal-awtur, iżda x-xogħol innifsu.

60. Madankollu, il-fatt li t-togħmiet infushom huma effimeri, volatili u instabbli jimmilita, fil-fehma tiegħi, kontra l-identifikazzjoni preċiża u oġġettiva tagħhom kif ukoll, konsegwentement, kontra l-klassifikazzjoni tagħhom bħala xogħlijiet għall-finijiet tad-drittijiet tal-awtur.

61. Konsegwentement, nikkunsidra li t-togħma ta' prodott tal-ikel ma tikkostitwixxix "xogħol" fis-sens tad-Direttiva 2001/29. Għaldaqstant, togħma ma tistax tibbenefika mid-dritt ta' riproduzzjoni [35], mid-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħlijiet u mid-dritt li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku suġġett ieħor [36] u mid-dritt ta' distribuzzjoni [37] fis-sens tad-Direttiva 2001/29, li tapplika biss għal xogħlijiet. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-eċċezzjonijiet u r-restrizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29 huma intiżi biss għax-xogħlijiet protetti minn dawn id-drittijiet.

62. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li d-Direttiva 2001/29 tipprekludi l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur tat-togħma ta' prodott tal-ikel. Peress li t-tieni domanda saret biss fil-każ li d-Direttiva 2001/29 ma tipprekludix il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur tat-togħma ta' prodott tal-ikel u tirrigwarda, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti għal din il-protezzjoni u l-portata ta' din il-protezzjoni, ma hemmx lok li tingħata risposta għaliha.

## V. Konklużjoni

63. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Gerechtshof Arnhem-Leeuwarden (il-Qorti tal-Appell ta' Arnhem-Leeuwarden, il-Pajjiżi l-Baxxi) bil-mod segwenti:

Id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni tipprekludi l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur tat-togħma ta' prodott tal-ikel.

34 Ara, ukoll, l-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni ta' Bern.

35 Ara l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/29.

36 Ara l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/29.

37 Ara l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/29.